MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 81/2013

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti A B u l-intimat C B izzewwgu fit-30 ta’ Dicembru tas-sena elfejn (2000) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u

mmarkat bhala Dok MC 1;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet sabiex jizzewwgu inkiseb biss b'biza' morali u theddid mill-partijiet stess u l-familjari rispettivi, stante li l-istess rikorrenti kienet harget tqila qabel iz-zwieg, precizament wara tliet xhur li l-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin;
3. Illi di piu' proprju minhabba t-tqala qabel iz-zwieg, il-partijiet kellhom jiehdu decizjonijiet ta' malajr u minghajr hsieb, fosthom li jizzewwgu ghar-raguni li kienet harget tqila u jsibu post fejn joqghodu;
4. Illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;
5. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
6. Illi l-intimat qatt ma assuma r-responsabbilitajiet taz-zwieg u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;
7. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalid fil-ligi;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-30 ta' Dicembru tas-sena elfejn (2000) fuq imsemmi kien null u invalid ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikoli 19 (a), 19 (c) u 19 (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota guramentata tal-konvenut, li permezz taghha iddikjara li mhux ser jikkontesta t-talbiet attrici salv li l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi illi gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi din hija talba sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi dikjarat null ai termini tal-artikoli 19 (1) (a), 19 (1) (c) u 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici ipprezentat l-affidavit taghha fejn qalet illi saret taf lill-konvenut tramite hbieb komuni, ghall-ewwel kienu hbieb, izda umbaghad bdew johorgu flimkien. Omm l-attrici ma kienitx kuntenta b'din ir-relazzjoni peress illi saret taf illi oht il-konvenut kellha relazzjoni ma xi hadd li ma kellux reputazzjoni tajba u ghalhekk rat illi l-konvenut ma kienx jixraq lil bintha. L-attrici aktar sfidat meta rat hekk. L-attrici kompliet tixhed illi wara tlett xhur illi bdiet tohrog mal-konvenut, harget tqila bit-tifel illi kellhom eventwalment illi jismu Jean Luca u dak iz-zmien kellha biss dsatax il-sena. Ghalhekk infixlet u qalet lill-ommha u missierha li hadu l-ahbar b'mod hazin hafna, specjalment ommha. Ghall-familjari taghha, hi kienet tefghet dell ikrah fuq familthom u ghalhekk hija hassitha darha

mal-hajt u hasbet illi jekk tizzewweg issolvi il-problemi kollha ma ommha u mal-familja taghha ghaliex umbaghad ommha kien ikollha bil-fors taccetta lill-konvenut u b'hekk ukoll kienet ser tirranga l-izball li ghamlet. Madanakollu kienet ghadha zghira u ma kellhiex mohh iz-zwieg u is-serjeta illi igib mieghu iz-zwieg. L-attrici xehdet ukoll illi hija ma kienitx thobbu lill-konvenut, izda kellha biss gibda fizika lejh, izda la darba harget tqila hasset li ma kellhiex triq ohra ghajr li tizzewweg lill-konvenut minkejja li ma kienitx thobbu. L-attrici xehed illi l-konvenut ukoll ma kienx konvint li kellhom jizzewwgu u illum taf li lanqas hu ma kien ihobbha izda ceda biss ghall-pressjoni li saret fuqhom it-tnejn biex jizzewwgu. Peress li z-zmien kien qasir, il-konvenut kien kera post ma huh u hi u il-konvenut marru jghixu fih wara iz-zwieg. Kienu ghaddew erba xhur minn meta saret taf li l-konvenut sakemm izzewgitu. Il-gurnata tat-tieg kienet gurnata normali, ma ghamlitx libsa u lanqas riceviment, izda marru biss jieklu max-xhieda taz-zwieg. Omm l-attrici lanqas biss marret, izda mar biss missierha, huha u uhud minn hut ommha. Missierha lanqas mar ghaliex mar ix-xoghol. Minn naha taghha, l-attrici ma hadithiex bi kbira ghaliex hi stess ma tat l-ebda importanza ghal dik il-gurnata. Ghaliha dik il-gurnata kienet tfisser biss illi binha kien ser jittwieled fi zwieg u illi forsi ir-relazzjoni ma ommha kienet ser tmur ahjar. Dakinhar taz-zwieg bdew jiguha id-dubji, tant li kien hemm mument fejn kienet ser tghid le u tohrog 'il barra u ma tizzewwigx. Izda peress li kienet tqila u peress ukoll li ma rieditx twaqqa il-konvenut ghac-cajt quddiem ix-xhieda u il-familjari kellha tghid iva. L-attrici xehdet illi wara illi izzewwgu ippruvat li issir aktar qrib tal-konvenut, izda kien kollu ghalxejn ghaliex meta bdew jghixu flimkien u bdiet issir taf iktar lill-konvenut indunat illi ma kellhom xejn in komun bejniethom, l-ewwel problema illi kellhom kienet in-nuqqas ta' komunikazzjoni. Minghajr ma qalilha xejn lill-attrici, il-konvenut qabad u gab lit-tifel ta' ohtu jghix maghhom. Dan it-tifel kellu bejn tlettax u erbghatax il-sena u b'hekk l-attrici spiccat trabbi tifel illi ma kienx taghha meta kienet ghadha tqila bit-tifel taghha stess. Dan it-tifel kien ukoll ta' pis finanzjarju fuqha u fuq il-konvenut meta il-partijiet kienu wkoll ghaddejjin minn zmien difficli ghal dak illi jirrigwarda l-att finanzjarju. Meta twieled iben il-partijiet, l-attrici rat illi l-konvenut kien iktar jaghti kaz tan-neputi milli ta' ibnu stess u l-attrici kien ikollha titlob il-flus lill-familjari taghha ghaliex ma kellhiex bizzejjed flus ghaliha u ghal binha. Il-konvenut ma kien jerfa l-ebda

responsabbilita ghall-ibnu u kien ihalli kollox f'idejn l-attrici. Kien mohhu biss fin-neputi tieghu li kien ikun sors ta' glied bejn il-partijiet. Il-konvenut mhux talli ma tax kaz, talli gab ukoll lit-tifel ta' huh jghix maghhom u biddel id-dar fejn kienu joqghodu il-partijiet minn wara dahar l-attrici u dan minhabba in-neputi l-iehor. L-attrici kellha taccetta illi tbiddel ir-residenza taghha peress illi ma kinietx tahdem u allura ma kinietx finanzjarjament independenti mill-konvenut. Il-post fejn marru joqghodu ma kien jogghobha xejn lill-attrici peress illi kien hemm hafna tarag u hi kienet regghet harget tqila. L-attrici xehdet illi kien il-konvenut li ma qaghadx attent u rega harigha tqila u din id-darba kellhom tifla li twieldet f'Mejju 2007. L-attrici ma rieditx tarbija ohra peress illi is-sitwazzjoni finanzjarja ta' bejnha u bejn il-konvenut kienet prekarja ferm u kien missierha li kien jghinha billi kien jixtrilha l-ikel u affarijiet ohrajn, ghaliex ghall-konvenut il-prejoritajiet tieghu kienu biss in-neputijiet. Il-partijiet regghu biddlu ir-residenza u din id-darba gie joqghod maghhom ukoll hu il-konvenut u l-attrici hasset illi d-dar taghha kienet saret lukanda. Hu il-konvenut ma kienx jahdem u kien jispicca ihallas ghal kollox il-konvenut, li ghalih kienu jigu l-ewwel huh u in-neputijiet, umbaghad hi u uliedha u ghalhekk l-attrici kienet dejjem titlob lil missierha ghall-ghajnuna. Missier l-attrici kien qalilha li ma setghax jibqa sejjer hekk u ghalhekk kien ikollha tmur tiekol ghand ommha u missierha ma uliedha peress li l-konvenut ma kienx qieghed jaghtiha ghajnuna finanzjarja, la ghaliha u lanqas ghall-uliedha. Hi ma setghetx tissaporti aktar din is-sitwazzjoni u iddecidiet li titlaq lill-konvenut minghajr ma qaltlu. Hadet lit-tfal u marret tghix ghand ommha u missierha. Il-konvenut kien talabha tmur lura id-dar u kien weghda li kien ser ikecci lil huh u lin-neputijiet, izda meta rat li ma zammx il-kelma tieghu regghet telqet u marret ghand il-genitur taghha bit-tfal. L-attrici tikkonkludi billi tghid illi z-zwieg taghha kien zball, kien ibbazat fuq il-fatt illi harget tqila u hija ma kinietx taf il-karattru tal-konvenut, li saret tafu biss wara iz-zwieg. L-attrici tghid illi illum il-gurnata il-konvenut qieghed iraqqad ragel iehor mieghu u irrealizzat illi ghalhekk il-konvenut jidher li hu migbud lejn l-irgiel, haga li lilha ma kienx qalilha biha qabel ma izzewgitu u li kieku kienet taf b'dan kollu zgur ma kienitx tizzewgu.

Illi xehed missier l-attrici W Mu ikkonferma bazikament ix-xiehda illi tat l-attrici. Ikkonferma li l-prijoritajiet tal-konvenut ma kienux martu u uliedu, izda in-neputijiet tieghu u huh li kien gabhom jghixu mieghu u mal-attrici u ma uliedu fid-dar. Missier l-attrici xehed illi bintu kien ikollha tmur tiekol ghandu bit-tfal peress illi l-konvenut kien halliha nieqsa minn kollox u effettivament ulied l-attrici u il-konvenut kienu jikkunsidraw lilu jigifieri lin-nannu bhala missierhom aktar milli lill-konvenut.

Illi xehdet ukoll iz-zija tal-attrici, certa J S illi kkonfermat illi l-attrici zzewwget lill-konvenut peress li kienet harget tqila u l-preparamenti kienu saru kollha ta' malajr. Hija xehdet illi l-konvenut kien ihalli lil martu u lil uliedu bil-guh. J S xehdet ukoll illi l-konvenut ma kienx jimpurtah minn uliedu u minn martu izda kien jaghti kaz biss ta' hutu u ta' ulied hutu li kien gabhom ukoll jghixu maghhom fid-dar. Huwa ma kienx jistaqsi jekk it-tfal kellhomx bzonn xi haga jew le u kien ihalli kollox f'idejn l-attrici li ma kinietx tahdem u kienet ghalhekk iddur fuq il-genituri taghha ghall-ghajnuna u xehdet ukoll dwar il-fatt illi saret taf li l-konvenut ghandu relazzjoni ma' ragel u qalet illi sfortunatament l-attrici ma kienet taf xejn dwar il-karattru tal-konvenut u meta saret taf kien tard wisq ghaliex kienu ovvjament diga mizzewgin.

Il-Qorti rat ukoll ix-xiehda illi ta l-konvenut illi kkonferma illi l-attrici kienet harget tqila ftit wara li bdew johorgu flimkien u l-genituri taghha kienu hadu dan il-fatt bil-kbir hafna u kien ghalhekk li kellhom jizzewwgu bilfors. Madanakollu l-konvenut qal li huwa zzewweg lill-attrici ghaliex kien ihobbha u mhux ghaliex hassu sfurzat. Huwa kkonferma li kien ha lin-neputi jghix maghhom, izda qal illi ghall-ewwel l-attrici ma kienet qaltlu xejn izda wara kienet talbitu biex dan in-neputi ma jibqax jghix maghhom izda hu ma seta` jaghmel xejn ghaliex kien jikkonsidra lil dan in-neputi bhala ibnu wkoll. Huwa cahad illi ta aktar importanza lin-neputi u qal li kien ihobbu daqs kemm kien ihobb lil ibnu. Huwa xehed illi dak iz-zmien kien jahdem u skont hu seta` jipprovdi wkoll ghal ibnu u ghal martu u ghan-neputi wkoll, izda ammetta li kienu jaghmlu dejn mal-grocers biex jieklu u kien imbaghad ihallas flus lura bil-mod lil dan il-grocer. Madanakollu l-konvenut ammetta illi kien jixtri l-antikitajiet, izda

qal illi biex jaghmel dawn il-kapricci kienu jghinuh il-familjari tieghu u fl-istess hin jixhed illi qatt ma halla lill-mara u lit-tfal neqsin fejn seta` u li dejjem kielu mieghu, izda ammetta li missier l-attrici kien jitma lill-istess attrici u lil binhom u lilu wkoll, izda qal li hu ma talbux biex jaghmel hekk. Il-konvenut ammetta li hu u l-attrici kienu jiggieldu hafna, specjalment minhabba n-neputi tieghu Josef. Hi kienet tkun trid illi jkeccih izda hu ma ridx. Meta twieldet it-tifla taghhom Naomi, il-konvenut ammetta li kienu batew finanzjarjament izda qal li kien ilahhaq biex jitmahhom u qatt ma hallihom bil-guh jew minghajr saqaf fuq rashom. Ammetta pero` illi missier l-attrici baqa` jghinhom bl-ikel izda hu qatt ma talbu biex jaghmel hekk. Ammetta ukoll illi kien mar jghix maghhom neputi iehor tieghu Philip izda qal li dan dam xahar biss jghix maghhom. Il-konvenut ammetta wkoll li fiz-zmien kien gie jghix ukoll maghhom  huh Giovan u dan skont il-konvenut ghex maghhom ghal hames xhur. Hu ammetta illi l-attrici ma kinitx kuntenta b’din is-sitwazzjoni. Il-konvenut xehed illi fl-ahhar hames snin l-attrici bdiet tiltaqa` ma’ ragel iehor u  hu ma kienx jaf b’dan u wegga hafna meta sar jaf. Skont il-konvenut kienet din ir-raguni li l-attrici telqet mid-dar bit-tfal u marret tghix ghand ommha u missierha u hu xorta riedha lura. Fil-fatt marret lura izda wara ftit regghet marret lura bit-tfal b’kollox ghand il-genituri taghha. Huwa cahad illi qieghed iraqqad ragel mieghu, izda xehed li m’huwiex jopponi t-talba tal-attrici sabiex iz-zwieg taghhom jigi dikjarat null.

Illi in kontro-ezami l-konvenut xehed li kien jaghti lill-attrici bhala manteniment l-ammont ta’ sittin (LM60) Maltin kull hmistax, li minnu riedet thallas l-ikel kollu kif ukoll l-oggetti sabiex tkun tista` tnaddaf anke l-hwejjeg. Il-konvenut in kontro-ezami cahad li huh Giovan kien ghadu jghix maghhom meta l-attrici telqet mid-dar u xehed li Giovan dam jghix maghhom xi sena, meta fl-affidavit tieghu xehed li dam jghix maghhom biss hames xhur. Il-konvenut ammetta li kien hemm wisq persuni fid-dar peress li kienu hu u l-mara, zewgt itfal taghhom u zewg neputijiet tieghu u kif ukoll huh. Hu ammetta li allahares ma kienx missier l-attrici li kien jghinhom hafna finanzjarjament u kien assuma wkoll hafna mir-responsabilitajiet illi suppost kellu jassumi hu. Il-konvenut in kontro-ezami ammetta wkoll li missier l-attrici kien ukoll jixtrilhom l-affarijiet tal-bzonn biex jghixu.

Ikkunsidrat:

Illi fit-trattazzjoni illi saret, l-avukat difensur tal-attrici qalet illi l-partijiet qeghdin jibbazaw it-talba taghhom ghall-annullament taz-zwieg ghall-fatt illi l-partijiet izzewgu ta' malajr peress illi l-attrici kienet harget tqila fil-bidunett tar-relazzjoni taghha mal-konvenut. L-avukat difensur tal-attrici argumentat illi kien hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju u li l-attrici hassitha taht pressjoni kbira biex tizzewweg sabiex ommha ma tibqax miggielda maghha, ghaliex b'hekk tkun salvat l-unur tal-familja peress li kienet harget tqila qabel iz-zwieg. Dwar il-kawzali l-ohrajn, l-avukat difensur tal-attrici qalet illi l-attrici qeghda tibbaza t-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg ukoll fuq il-fatt illi l-konvenut abdika totalment mir-responsabilitajiet tieghu bhala ragel mizzewweg u dawn ir-responsabilitajiet kellhom jintrefghu minn missier l-attrici.

Ikkunsidrat :

Illi fuq it-talba tal-avukat difensur tal-attrici, il-Qorti ser tezamina biss jekk iz-zwieg tal-kontendenti jistax jigi dikjarat null a bazi tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Illi dan l-Artikolu jittratta dwar xenarju fejn il-kunsens tal-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll minhabba li l-partijiet minhabba anomalija psikologika serja kienu inkapaci illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[1] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem il-Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[2] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

Illi in vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq f'din is-sentenza u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, precizament il-fatt li l-attrici harget tqila u l-partijiet kienu t-tnejn taht pressjoni sabiex jizzewwgu, il-Qorti tara li fil-mument propizju, u cioe` meta gew biex jaghtu l-kunsens taghhom, iz-zewg partijiet ma kellhomx id-*discretio judicii* mehtiega sabiex verament jaghtu l-kunsens validu ghaz-zwieg, u dan anke in vista

[1] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[2] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

tal-fatt illi z-zewg partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg minhabba l-pressjoni li saritilhom mill-familjari taghhom u fuq kollox sabiex l-attrici tikkuntenta lil ommha. Jirrizulta li l-partijiet kellhom gherusija qasira ferm fejn ma sarux jafu l-karattru ta’ xulxin, l-attrici kienet ghadha zghira hafna meta zzewget u hija hassitha taht pressjoni biex tizzewweg peress illi ommha kienet miksura maghha u l-anqas biss marret ghat-tieg, ma sarux preparamenti ghal-dan iz-zwieg, saret biss ikla li whud mill-familjari tal-attrici l-anqas biss attendew ghaliha u dan iz-zwieg sehh mhux ghax il-partijiet kellhom xi relazzjoni soda ta’ mhabba beniethom izda peress illi l-attrici harget tqila u ghalhekk il-partijiet hassew li setghu jsolvu l-affarijiet billi jizzewwgu. Illi una volta li giet ippruvata din il-kawzali, il-Qoti ma tarax il-htiega illi tidhol fil-kawzali l-ohrajn u dan anka fuq is-suggeriment tal-avukat difensur tal-attrici.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa` t-talbiet attrici u qeghda taqta` u tiddikjara illi  z-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha fil-ligi *ai termini tal-Artikolu* 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------